MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 47**

**Il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2022**

Saret il-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022, fil-11:30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**47.1 Talba**

47.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-11:30a.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**47.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

47.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

S. Borg

**47.3 Kjarifika mitluba mill-bord tal-Evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni Tal-Kunsill taħt l-Iskema SPI/SCI/09/22 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar kjarifika mitluba mill-bord tal-Evalwazzjoni. Minħabba li l-istima ppreżentata għax-xogħol hija ta' €184,855.05 inkluż il-VAT, liema stima hija għola mill-massimu li d-Direttorat se jkun qed jagħti skond Artiklu 7.1 taċ-Ċirkulari, il-Kunsill qabel unanimament li bil-finanzjament ta' din l-iskema se jkun qiegħed jkopri s-sezzjoni *A-5.0 – Tiling works* li jammonta għal €95,932.33, filwaqt li l-bilanċ ta' €88,922.72 jiġu ffinanzjati kif ġej:

-l-ammont ta' € 18,358.58 liema fondi huma l-bilanċ li l-kunsill għandu fil-fond tad-*Development Planning Fund;*
- l-Kunsill se jkun ukoll qed jivvota is-somma ta' €70,564.14 mqassma fuq sentejn, jiġifieri €35,282.07 għas-sena 2023 u għas-sena 2024 mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu sabiex iwettaq dan il-proġett.

Il-Kunsill qiegħed jaqbel ukoll li jagħmel ħiltu sabiex dan il-proġett ikun implimentat Kollu sad-data indikata tat-28ta' Ġunju 2024.

**47.4 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

47.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-12:00am u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022 fil-18.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Konfermati, llum it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv